# IL-PARROĊĊA TA' MARIJA BAMBINA FIN-NAXXAR L-EQDEM WAĦDA TAL-KAMPANJA MALTIJA

**Parroċċa, Benefiċċji u Prebenda**

Illum, Marija Bambina hi l-patruna ta' erba' parroċċi: tlieta f'Malta, li huma n-Naxxar, l-Isla, u l-Mellieħa, u waħda f'Għawdex li hi tax-Xagħra. Imma kien hawn żmien meta l-parroċċa waħdanija li kienet iġġib dan it-titlu għażiż kienet dik tan-Naxxar biss. Nafu li ta' l-Isla saret parroċċa fl-1581. Tal-Mellieħa, saret xi ftit qabel l-1436, imma mbagħad spiċċat, u reġgħet saret fl-1844. Ix-Xagħra ta' Għawdex saret fl-1688.

Dokument qadim għall-istorja tal-knisja maltija hu dak ta' l-Isqof Senatore di Mello. Fih insibu xi tagħrif dwar il-knejjes parokkjali bil-benefiċċji, ġuspatronati, legati , u prebendi marbutin magħhom. Hu qadim ħafna għax inkiteb fis-sena 1436. Imma ġie mfisser dejjem ħażin. Il-kittieba ta' l-istorja ħadu l-impressjoni li l-isqof kien qed iwaqqaf għaxar parroċċi ġodda fil-kampanja maltija. Fir-realtà, l-Isqof ried igħid sempliċiment liema kienu l-parroċċi u liema kienu l-obbligi lejhom min-naħa ta' oħrajn. F'dan ir-"rollo", naqraw dwar *"La Cappella di lu Naxaru"*.[1]

Fir-rollo msemmi, il-knejjes li kellhom id-dinjità ta' parroċċa jissejħu *"Cappella"*. Fi żmien ta' faqar kbir u ta' popolazzjoni ċkejkna ħafna, il-poplu kien igħin lill-kappillan tal-parroċċa tiegħu mill-frottijiet ta' l-egħlieqi, bl-annimali li kien irabbi, u bil-ħut li kien jinqabad. Imma l-Isqof Di Mello juri li kull parroċċa kellha xi dħul ċkejken likein ta' għajnuna għaliha. Dwar in-Naxxar, fl-1436, kien hemm xi benefiċċji u legati, u prebenda waħda. Il-*benefiċċji* kienu ta' Raħal Dejf, ta' Raħal Attard, ta' San Ġorġ, ta' Bir tal-Kwiet, ta' Santa Marija, u ta' Mikiel ta' Bernard. Iż-żewġ *legati* kienu dawn: ta' *Binġemma* u ta' *Lonza Bondino.* Kien hemm prebenda waħda: dik ta' *San Ġakbu*, li kienet f'idejn is-Sur Mattew Galia.[2]

**L-Ewwel fost il-Qodma**

Ir-rollo ta' Di Mello jaċċertana li l-għaxar parroċċi msemmija kienu kollha qabel l-1436. Imma kemm qabel ma nafux. Tibqa' l-problema li ma nafux f'liema żmien saru. Imma, minn xi tagħrif ieħor, naslu għal xi ordni li kien hemm bejniethom. Kollox jurina li n-Naxxar kienet l-ewwel waħda fost dawk il-parroċċi.

Il-parroċċi kienu jimxu skond iż-żmien ta' l-erezzjoni tagħhom fil-purċissjonijiet. Purċissjoni votiva nazzjonali kienet dik ta' San Girgor. Sa minn żmien li ħadd ma jiftakar kemm hu qadim, il-parroċċi kollha kienu jimxu proċessjonalment lejn il-knisja ta' Santa Katarina taż-Żejtun, nhar il-festa ta' San Girgor. Din hi l-knisja li aħna llum insejħulha ta' San Girgor, imma fil-fatt hi ddedikata lil Santa Katarina.

Sal-bidu tas-seklu sittax, il-preċedenza fuq il-parroċċi kollha kienet tan-Naxxar. Wara n-Naxxar, ma kenux jimxu ħlief tal-Birgu u tal-Katridral. Fl-1535, inkiteb ċar u tond li, minn żmien qadim ħafna, in-Naxxar kellu l-preċedenza fuq il-parroċċi kollha. Imbagħad ġara li l-parroċċa ta' Birkirkara bdiet timxi ma' tan-Naxxar. Il-Kappillan tan-Naxxar ma tax każ jiddefendi d-drittijiet tiegħu. Għalhekk, għal xi żmien, iż-żewġ kappillani bil-poplu tal-parroċċa, baqgħu jimxu flimkien.[3]

**Il-Protesta tan-Naxxar**

Fl-1535, in-Naxxar kellu kappillan li kien wieħed mill-qassisin ewlenin ta' Malta. Dan kien l-Arċidjaknu tal-Katidral *Dun Dumink Dimech*. F'dik is-sena, id-djoċesi ta' Malta kienet vakanti. Kien irriżenja minn Isqof ta' Malta l-Kardinal Ġlormu Ghinucci, bla ma qatt ma kien ġie fid-djoċesi,[4] u Malta sakemm waslu l-Kavalieri fostna baqgħet mingħajr Isqof. Il-Kavalieri ma bdewx igawdu l-preżenza ta' Isqof malajr. Sa ħames snin wara, meta l-Arċidjaknu Dimech semma' leħnu, l-Isqof kien għadu ma sarx. Fit-18 ta' Marzu, 1535, Dun Dumink Dimech appella lis-Santa Sede biex jingħata d-drittijiet tiegħu. Fl-appell, dan l-Arċidjaknu-Kappillan tan-Naxxar akkuża lill-kappillani ta' qablu bi traskuraġni. Huma ma kienx imisshom iħallu li ta' Birkirkara jieħdu l-istess importanza daqshom. [5]

Tweġiba ma waslitx malajr. Malli f'Malta tbiddlet il-qagħda pulitka, bdiet sistema ġdida għall-għażla ta' l-Isqfijiet. L-Isqfijiet bdew jiġu proposti mill-Kavalieri. Huma kienu jippreżentaw tliet kappillani konventwali quddiem ir-Re ta' Spanja, u dan jieħu wieħed minnhom u jqiegħdu quddiem il-Papa ħalli jitpoġġa Isqof ta' Malta.

Waqt li tan-Naxxar kienu qed jistennew it-tweġiba, fl-20 ta' Marzu, 1538, ġie magħżul Isqof il-Viċi-Kanċillier ta' l-Ordni Thomas Bosio, li miet malajr fid-19 ta' Marzu, 1539. Imbagħad, fl-10 ta' Diċembru, 1540, ġie nnominat il-Prijur ta' l-Ordni Domenico Cubelles. Dan dam għal iżjed minn 25 sena, u fi żmienu nqata' l-każ li kien hemm bejn in-Naxxar u Birkirkara.[6] Imma l-Arċidjaknu-Kappillan Dimech ma jissemmiex iżjed għax hu kien miet, u l-parroċċa tan-Naxxar kienet f'idjen Dun Mattew Fava.

**Fuq il-Lemin ta' Birkirkara**

It-tweġiba ntbagħtet minn Ruma fil-25 ta' April, 1548. Id-deċiżjoni kienet favur in-Naxxar, imma b'mod li ma jiksruhiex ma' Birkirkara. Fil-purċissjoni ta' San Girgor, dawk tan-Naxxar u ta' Birkirkara kellhom jibqgħu jimxu flimkien, wara salib wieħed. Imma l-vera preċedenza kellha tingħata lil tan-Naxxar. Il-Kappillan tan-Naxxar, flimkien mal-poplu tiegħu, kellu jimxi fuq il-lemin. Dawk ta' Birkirkara fuq ix-xellug.[7]

Biż-żmien, ta' Birkirkara xtaqu xiħaġa aħjar. Għalhekk, wara ħafna taħbit, huma seħħilhom jakkwistaw li ma jimxux iżjed fuq ix-xellug tan-Naxxar. Fil-purċissjoni, il-preċedenza bdiet tkun darba tan-Naxxar u darba ta' Birkirkara. Nibqgħu narawhom hekk, fil-purċissjoni ta' San Girgor, sas-sena 1630, meta ċ-ċerimonjier djoċesan kien jistabbilixxi l-ordni tal-purċissjoni msemmija.[8] Imbagħad, fl-1630, il-parroċċa ta' Birkirkara saret Kolleġġjata, u bħala Kolleġġjata ħadet il-preċedenza fuq il-parroċċi kollha, minbarra l-Katidral.

**1693: Kleru u Poplu**

In-Naxxar ma ġralux bħall-Mellieħa u Ħad-Dingli. Ir-raħal ma żvojta qatt. Għalhekk, il-parroċċa baqgħet dejjem ħajja. Bil-mod il-mod, il-popolazzjoni bdiet tikber, u żdiedu wkoll il-qassisin. Nagħtu daqqa ta' għajn ħafifa lejn sena. Ċensiment djoċesan tal-1693 jurina f'liema qagħda kien jistab in-Naxxar. Il-Kappillan kien *Dun Ġwann-Dumink Mifsud*. Hu ma kellux ħlief 42 sena.[9] Kellu ħames qassisin oħra jgħinuh fil-parroċċa. Dawn kienu: Dun Ġamri Sammut (71 sena), Dun Franġisk Cauchi (57 sena), Dun Dumink Xerri (51

sena), Dun Dumink Sammut (42 sena), u Dun Karlu Ebejer (36 sena).[10] Il-popolazzjoni tan-Naxxar kienet ta' 1491 ruħ. Minnhom, kien hemm 1134 li setgħu jersqu għall qrar u t-tqarbin. 66 setgħu jqerru biss. 291 kienu tfal żgħar ħafna u trabi.[11]

In-Naxxar hi parroċċa qadima, u għalhekk ta' storja kbira. Għad hemm ħafna x'jista' jinkiteb. Imma għallanqas dan il-ftit tagħrif jiftħilna tieqa fuq l-imgħoddi, u jwasslilna xiħaġa li żgur li mhux ilkoll konna nafuha, anki jekk min-Naxxar.

1. NLM, *Libr.*, 721, f. 3v.
2. *Ibid.*, f. 3v.
3. ACM, *Misc.*, 10 (1350-1739), f. 579.
4. *Hier. Cath.*, III, p. 244.
5. ACM, 10, f. 579: dan id-dokument juri li Achille Ferres, f'*Descrizione Storica delle Chiese*, p. 337, ma hux eżatt meta kiteb li Dimech sar kappillan tan-Naxxar fl-1541.
6. *Hier. Cath.*, II. p. 244.
7. ACM, 10, f. 587.
8. AAM, *Atti Civili*, passim.
9. AAM, *St. A.*, 1693, f. 3v.
10. *Ibid.*, ff. 2r, 4r-v, 6v.
11. *Ibid.*, f. 8v.

*Nota:* NLM — Bibljoteka Nazzjonali
ACM — Arkivju tal-Katidral
AAM — Arkivju tal-Kurja Arċiveskovili

**Fr. Alexander Bonnici OFM Conv.**

Il-Kumitat tal-Festa
Jawgura Festa
Ferrieħa u Qaddisa
Lin-NAXXARIN Kollha